

Talbiet tar-rikorrent

- prinċipalment, jiddikjara illegali d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-18 ta' Ġunju 2014 li ma titteħidx responsabbiltà għal ċerti spejjeż mhux mediċi li ma humiex irrimborsati mill-Iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard, li jirriżultaw mid-diżabbiltà ta' iben ir-rikorrent;
- sussidjarjament, jordna li jinħatar perit inkonformità mal-Artikolu 75 tar-Regoli tal-Proċedura sabiex tiġi ddeterminata r-rata ta' inkapaċità li tirriżulta mid-diżabbiltà;
- jikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-39/15)**

(2015/C 178/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. de Montigny, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament tal-proposta ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni, li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni l-ġodda tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2014 li tiffissa l-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz mal-Kummissjoni;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2015 – ZZ vs Il-Kunsill**(Kawża F-40/15)**

(2015/C 178/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annulament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2013